MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1449/2005

**Elmo Insurance Ltd f'isimha stess u bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Emanuel D'Amato u l-istess Emanuel D'Amato
vs
Amanda Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Lulju, 2005, fejn intqal illi:**
**i. Fl-24 ta' Mejju, 2004 il-vettura EDA-222 assikurata mal-kumpanija attrici u ta' proprjeta` tal-attur Emanuel D'Amato misjuqa minnu kienet involuta f'kollizzjoni mal-vettura EAI-685 misjuqa mill-konvenuta Amanda Camilleri u dana tort tal-istess konvenuta.**
**ii. Ghalkemm il-konvenuta giet interpellata biex thallas u giet notifikata bl-ittra ufficjali tat-27 ta' Settembru, 2004, (notifikata wkoll lill-istess assikurazzjoni) l-atturi ghadhom ma thallsux id-danni mitluba.**

**iii. Dawn id-danni kienu jammontaw ghas-somma ta' mitejn u hmistax-il lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm215.53) kwantu ghall mija u disghin liri Maltin tlieta u hamsin centezmu (Lm190.53) dovuti lill-kumpanija attrici bhala soma zburzata minnha taht il-polza, u kwantu ghall hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) dovuti lill-attur l-iehor Emanuel D'Amato li batihom minn butu.**
**iv. Ghalhekk l-atturi jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas in linea ta' danni kagunati fl-imsemmija kollizjoni s-somma ta' mitejn u hmistax-il lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm215.53) kwantu ghall mija u disghin liri Maltin tlieta u hamsin centezmu (Lm190.53) dovuti lill-kumpanija attrici bhala soma zburzata minnha taht il-polza, u kwantu ghall hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) dovuti lill-attur ghar-ragunijiet fuq imsemmija, prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-imsemmija kollizzjoni.**
**Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Settembru 2004, u dik kontestwali lill-assikurazzjoni tal-vettura misjuqa mill-konvenuta u bl-imghax ta' 8% fis-sena mis-27 ta' Settembru, 2004, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fil-11 ta' Awissu, 2005 fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhm jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sehhx b'xi tort tal-konvenuta izda sehh unikament tort ta' Emanuel D'Amato, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu hekk kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Mula, W294 Simon Debono, Emanuel D'Amato, Charles Cauchi, Amanda Camilleri u Roberta Schembri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha t-trattazjoni da parti tad-difensuri.**

**Ikkunsidra :**

**1. Il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fl-24 ta' Mejju, 2004 bejn il-vettura EDA-222 misjuqa minn Emanuel D'Amato u l-vettura EAI-685 misjuqa minn Amanda Camilleri. L-incident sehh fi Triq L-Industrija, Hal Kirkop.**

**2. Skond ir-road accident report l-attur jghid li kien gej mill-SGS biex idur ghall taht il-mina, meta l-konvenuta, li skond hu kienet bil-mobile, laqtitu. Il-konvenuta tghid li hi wkoll kienet gejja mid-direzzjoni tal-SGS u kellha l-indicator mixghul biex iddur lejn Hal Safi, u ma rathux gej mill-gemb. Hi tahseb li l-attur ipprova jaqlaghha minn gewwa.**

**3. Kif jirrizulta mir-ritratt esebit a fol.20 tal-process, l-attur kien gja telaq ir-roundabaout meta sehhet il-kollizzjoni. L-attur kellu hsara fuq il-bieba ta' quddiem, u din kienet ghafsa. L-attur xehed li kellu l-indicator mixghul. Skond l-attur, il-konvenuta kienet eccitata u qaltlu li kienet sejra ghall-ezami.**

**4. Il-konvenuta tikkonferma li riedet tmur fid-direzzjoni ta' Hal Safi, u kienet miexja fil-karreggata ta' mal-bankina. Xeghlet l-idicator biex turi li ser tikser ghall fuq il-lemin u qasmet ghar-roundabout. Il-konvenuta tghid li ma ratlux indicator mixghul. Hi tghid li dakinhar ma kelliex ezamijiet. Tghid li lill-attur ratu mal-habta.**

**5. Mix-xhieda ma jirrizultax li l-konvenuta kienet bil-mobile kif allegat. Li hu cert li z-zewg vetturi, kif sewwa ssottometta l-abbli difensur tal-konvenuta, riedu jaqsmu l-karreggata ta' xulxin. Biex sehh l-incident, illi ma hemmx dubbju li kien incident zghir ferm, iz-zewg sewwieqa ma kienux qeghdin attenti, tant li lanqas ma raw lill xulxin. Il-konvenuta intentat tikser il-karreggata li minnha kien ser jghaddi l-attur fl-istess waqt li l-attur intenta jikser il-karreggata li minnha riedet tghaddi l-konvenuta, u inevitabilment sehhet il-kollizzjoni.**

**6. Fic-cirkostanzi t-tort ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. Tenut kont li l-atturi sofrew l-ammont ta' mitejn u hmistax-il lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm215.53), liema danni jirrizultaw li**

**mhux esagerati u huma skond is-survey esebit Dok.CC1, konfermat mis-surveyor Charles Cauchi, jigi li l-konvenuta ghandha tirrisarcixxi biss is-somma ta' mija u seba' liri Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm107.76), kwantu ghall tnejn u tmenin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm82.76) lill-kumpanija attrici, u kwantu ghall hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) lill-attur.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jiddikjara lill-konvenuta responsabbli fi grad ugwali daqs l-attur ghall-incident li sehh, jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici Elmo Insurance Limited is-somma ta' tnejn u tmenin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm82.76), u lill-attur Emanuel D'Amato is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00), ilkoll bl-imghax legali dekoribbli mill-lum sad-data tal-effettiv pagament.**
**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------